**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**MAGISTRAT**
**DR RACHEL MONTEBELLO B.A. LL.D.**

**Rikors Numru: 228/19 RM**

**Fl-atti tal-Ittra Ufficjali Nru 1940/19 fl-ismijiet:**

**L-Awtorita` Tal-Ippjanar**

**-vs-**

**Polidano Brothers Limited u b'digriet tat-3 ta' Marzu 2020 l-isem "Polidano Brothers Limited" gie mhassar u sostitwit bl-isem "Carmel Polidano"**

**Illum, 25 ta' Novembru 2020**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors ta' Polidano Brothers Limited ipprezentat fir-Registru ta' din il-Qorti nhar l-14 ta' Ottubru 2019 fejn gie premess:

1. *"Illi l-esponenti gie notifikat bl-ittra ufficjali numru 1940/19 fl-ismijiet premessi fl-24 ta' Settembru 2019 b' liema l-Awtorita qieghda tippretedi li hija kreditrici ta' l-esponenti fl-ammont ta'* ***sebat elef, sitt mija u ħdax il-ewro (€7,611.00)*** *rapprezentanti multi kif ahjar spjegat fl-istess ittra;*

2. *Illi l-esponenti jikkontesta l-istess a tenur ta' l-Art 100 tal-Kap 552 billi l-pretensjoni tal-Awtorita hija infondata fil-fatt u fid-dritt u dan ghar-ragunijiet li jinkludu, izda ma humiex limitati ghas-segwenti:*

3. *Preliminarjament,* **is-soprasessjoni***: din il-pretenzjoni u l-ligi fuq liema hija bazata l-pretenzjoni huma bi vjolazzjoni tad-drittijiet fondamentali ta' l-esponenti u dan billi l-multi huma multi ta' natura kriminali mposti bhala penali ghal reati li ma gewx imposti minn Qorti kif trid l-Art 37 tal-Kostituzzjoni. Dan il-punt huwa kontestat f'diversi proceduri kostituzzjonali, inkluz partikolarment il-procedura numru 24/19, fl-ismijiet Polidano Brothers Limited Vs L-Awtorita Ta' I-Ippjanar u L-Avukat Generali. Qabel ma l-Awtorita tista' tesegwixxi jew tipprocedi bil-pretenzjonijiet taghha ghandhu jigu deciz definittivament jekk il-ligi fuq liema qieghda tistrieh huwiex validu jew le.*

4. *Fil-fatt jirrizulta li l-multi mertu ta' din il-kawza, u ohrajn li nhargu mill-Awtorita` kontra l-esponenti nħargu kontra l-esponenti qed jigu mposti bi vjolazzjoni tad-drittijiet fondamentali tal-esponenti għall-smieh xieraq kif protetti mill-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni tagħna u anke artikolu 6 tal-konvenzjoni tad-drittijiet fondamentali, u dana għal diversi ragunijiet fosthom billi:*

   a. *Il-multi għal dawn ir-reati qed jigu mposti fuq l-esponenti fuq mera allegazzjoni li ma hijiex ikkonfermata minn l-ebda Qorti kontra r-regola tal-prezunzjoni tal-innocenza;*

   b. *Inoltre l-Awtorita Intimata qed timponi iktar minn piena u multa waħda għall-istess reat;*

c. *Inoltre apparti l-multi li qed jigu mposti hemm proceduri ta' natura kriminali għaddejjin għall-istess offizi li jistgħu iwasslu għal pieni ohra u dan bi vjolazzjoni tal-principju ne bis in idem;*

d. *Fl-ahhar qed jigu mposti pieni ta' natura kriminali mingħajr ma l-esponenti jkollhom l-opportunita' li jresqu l-kaz taghhom quddiem Qorti indipendenti kif inhu d-dritt tal-esponenti a tenur tal-artikolu 39(1) tal-kostituzzjoni ta' Malta.*

5. *Fit-tieni lok, l-procedura adoperata mill-Awtorita hija monka inkwantu ma tfissirx ir-raguni ghal pretenzjoni ta' l-Awtorita. Isir riferenza ghal-gurisprudenza ta' l-ittri 166A fis-sens li l-ittri ufficjali trid taghti tifsira cara ghala qed tigi mposta din il-multa partikolarment fil-kaz odjerna fejn qeghdin fil-kamp kriminali. L-esponenti jirriserva li jaghmel iktar sottomissjonijiet jekk ikun il-kaz.*

6. *Fit-tielet lok, l-ittra ufficjali mertu ta' dan ir-rikors sar irregolarment billi jidher li hemm ittri ufficjali ohra li nbaghtu fir-rigward ta' l-istess Avviz t'Enfurzar, meta a tenur ta' l-iskeda tal-Avviz legali 276 tas-sena 2012:*

   *Fil-kaz li jkun hemm aktar minn illegalita waħda fuq l-istess sit fiż-żmien tal-ħruġ tal-avviz biex tieqaf u ta' twettiq, l-ogħla rata għall-iżvilupp illegali li jkun twettaq wara d-dħul fis-seħħ ta' dawn id-dispozizzjonijiet, tiġi imposta.*

*Fir-realta qed jiġu mposti multipliċita ta' multi għall-istess avvizi ta' twettiq.*

7. *Fir-raba' lok, billi l-multa qieghda tigi spezzettata l-intimati ghandhom jgibu prova li l-ammont globali tal-penali ma jeccedix is-massimu ta' 50,000 euro impost a tenur ta' l-proviso tar-regolament 3(2) ta' l-Avviz Legali 276/12;*

*Ghaldaqstant l-esponenti filwaqt li jirriserva li jressaq dawk il-provi u jaghmel dawk is-sottomissjonijiet kollha lilha permessi fil-ligi titlob bir-rispett lil dina l-Onorabbli Qorti joghgobha tichad l-pretenzjonijiet ta' l-Awtorita tal-Ippjanar u tiddikjara l-istess pretenzjoni infondata u dan salv kull dikjarazzjoni u provvediment iehor xieraq u opportun.*

*Bl-ispejjez u l-ingunzjoni in subizzjoni tal-Awtorita` intimata."*

Rat ir-Risposta tal-Awtorita` tal-Ippjanar ipprezentata fit-13 ta' Novembru 2019 fejn gie eccepit:-

1. *"Illi preliminarjament l-irricevibilita`, l-irritwalita` u n-nullita` tar-rikors odjern billi ma hemm ebda ittra ufficjali, bin-numru 1940/19, mahruga mill-Awtorita` tal-Ippjanar kontra Polidano Brothers Limited, u lanqas kieku tali att gudizzjarju kien jezisti, jigi allura li r-rikorrent, Carmel Polidano, li mexxa b'dan ir-rikors f'ismu proprju, m'ghandu ebda interess guridiku li joqghod f'dawn il-proceduri.*

2. *Illi f'kull kaz, u biss minghajr assolutament ebda hsara ghall-permess, din l-Onorabbli Qorti hi ezawtorata milli, fi proceduri specjali ta' din ix-xorta, tistharreg u tiddeciedi dwar l-ilmenti ta' bixra Kostituzzjonali/Konvenzjonali msemmija minn Carmel Polidano fil-paragrafi numerate (3) u erba' (4) (inkluz l-paragrafi "a" sa "d") ta' dan ir-rikors. Punt dan, li Carmel Polidano stess jaccettah tant li qed jitlob is-soprasessjoni f'dawn il-proceduri. Tali "talba" ghas-soprasessjoni hi, f' kull kaz, manifestament fiergha u nfondata, billi (i) Carmel Polidano proprio ma ressaq ebda proceduri Kostituzzjonali, izda kienet is-socjeta' Polidano Brothers Limited li ntavolat il-kawza Kostituzzjonali li ghaliha ssir riferenza fir-rikors tal-lum; (ii) f'kull kaz, l-ittra ufficjali (del resto nezistenti) li qed tissemma f'dan ir-rikors, ma tifformax parti mill-mertu ta' dik il-kawza Kostituzzjonali, mibdija*

*minn haddiehor u mhux minn Carmel Polidano; u (iii) f'kull kaz, bla hsara ghal dak kollu li ghadu kif inghad, kieku biss ghall-grazzja tal-argument, kien hemm tabilhaqq proceduri kostituzzjonali mibdija minn Carmel Polidano, din il-Qorti xorta wahda ma kien ikollha ebda raguni ghala tissospendi s-smigh ta' dawn il-proceduri billi dawn il-proceduri ssarrfu fir-rimedju ordinarju/mezz xieraq ta' rimedju li tahseb ghalih il-Ligi tal-Ippjanar biex wiehed jopponi ghal kull talba ghall-hlas imressqa mill-Awtorita` skont l-Artikolu 100 tal-Kapitolu 552.*

3. *Illi mbaghad, dejjem bla hsara ghall-permess, l-Awtorita` genwinament tiskanta kif Carmel Polidano jasal jasserixxi li l-Awtorita` ma tat ebda raguni biex issostni l-pretenzjoni taghha, meta hawn qed nitkellmu dwar hlas ta' daily fine dovuta b'rabta ma' enforcement notice mahruga, u debitament notifikata, lill-contravener aktar minn sena ilu; fejn fl-istess avviz inghatat twissija cara bl-izvilupp illegali estensiv imwettaq mir-rikorrent konsistenti fi "zvilupp mhux skont il-permess PA 06580/04, li jikkonsisti f': 1. binja mibnija 'l barra mill-linja ufficjali tal-izvilupp (building line); 2. bdil ta' l-uzu tal-art, minn dik pubblika ghal tqeghid ta' mwejjed u siggijiet; 3. strutturi maghmula minn qafas tal-metall, li jintuzaw bhala tined, quddiem l-istabbiliment; 4. tqeghid ta' 'planters' madwar l-imsemmija mwejjed u siggijiet; 5. bini ta' hajt tal-madwar, quddiem parti mill-istabbiliment; 6. pavimentar tal-parti tal-art pubblika, fejn tqieghdu l-imwejjed u s-siggijiet. Dan kollu minghajr permess u kif gie ndikat fl-applikazzjoni PA 06297/16, li giet rifjutata." Ir-rikorrent injora l-istess enforcement notice u, bl-aktar mod illegali u abbuziv, baqa ghaddej bl-illegalita` minnu mwettqa. Ir-rikorrent gie mgharraf wkoll bid-daily fine imposta fuqu ghal kull jum li fih dan tal-ahhar ippersista b'illegalita` minnu mwettqa, izda minkejja kull twissija li nghatat, l-istess rikorrent baqa –* ***kif ghadu sal-lum -*** *jwebbes rasu u jippersisti fl-izvilupp manifestament illegali mwettaq minnu. Ghalhekk ir-rikorrent jrid ikun tabilhaqq azzardat biex jigi issa u jghid li ma kienx jaf*

*dwar x'hiex, jew ma nghata ebda raguni dwar x'hiex, qed jintalab il-hlas mill-Awtorita`.*

4. *Hawn rilevanti ukoll li jinghad li r-rikorrent qatt ma kkontesta l-enforcement notice mahruga fil-konfront tieghu bil-proceduri opportuni ta' appell li tahseb ghalihom il-Ligi tal-Ippjanar, u allura r-rikorrent illum gie li ssokkomba u accetta l-ordnijiet kontenuti fl-imsemmija enforcement notice, u gie li rrikonoxxa u accetta li qieghed fi stat ta' illegalita` manifesta. Min b'ghemilu, bhal fil-kaz tar-rikorrent, juri attitudni ta' sfida u prepotenza lejn il-Ligi, m'ghandu qatt jigi kkawtelat, f'dan l-ghemil tieghu, minn ebda Qorti f'dan il-pajjiz. Anzi ghemil bhal dan ghandu jigi ccensurat mill-Qorti bl-aktar mod assolut.*

5. *L-ahhar zewg oggezzjonijiet imressqa mir-rikorrent fil-paragrafi numerati sitta (6) u sebgha (7) tar-rikors tieghu, huma daqstant iehor fiergha u nfondati. Anzi jekk xejn dawn l-oggezzjonijiet ikomplu juru l-attitudni ta' sfida lejn il-ligi li wera, kif ghadu qed juri sal-lum ir-rikorrent, ghaliex kull multa mposta mill-Awtorita` tghodd ghal perjodu differenti li fih ir-rikorrent baqa ghaddej bl-illegalita` minnu mwettqa, kif fil-fatt ghadha hekk ghaddejja sal-lum. L-unika raguni ghala l-multi gornaljieri ma waqfux jiddekorru, hi propju ghaliex ir-rikorrent baqa', u ghadu sal-lum, iwebbes rasu u jippersisti bil-ksur tieghu tal-Ligi.*

6. *Finalment, kif ser jintwera bic-car mill-Awtorita` waqt is-smiegh u t-trattazzjoni ta' dan il-kaz, l-ammont mitlub mill-Awtorita` nhadem korrettement u skont il-Ligi. Illi ghalhekk l-oggezzjonijiet finali tar-rikorrent ma fihom ebda siwi wkoll ghaliex l-ammont mitlub mill-Awtorita` jirrifletti precizament il-penali gornaljera, imposta a tenur ir-regolament 3 tal-Avviz Legali 276 tal-2012, li akkumulat tul il-perjodi diversi li fihom ir-rikorrent njora l-ordni kontenuta fl-Avviz ta' twettiq u baqa' ghaddej – kif ghadu sal-*

*lum – bl-izvilupp illegali mwettaq minnu. Hadd ma jista jippretendi li jitla 'l fuq mill-ligi, jikkometti l-illegalitajiet, jippersisti fl-illegalitajiet tieghu u mbaghad jintavola rikors bhal ma hu dak odjern, li apparti hu null u monk, hu wkoll ghal kollox karenti minn bazi legali, biex ingustament jipprova jevita li jhallas il-penali li l-ligi timpani bhala sanzjoni fuq min, bhal fil-kaz tar-rikorrent, jagixxi bi ksur manifest tal-Ligi tal-Ippjanar.*

*Illi ghar-ragunijiet premessi, it-talba tar-rikorrent sabiex il-Qorti tiddikjara t-talba Awtorita` intimata bhala wahda nfondata ghandha tigi michuda, bl-ispejjez kontra l-istess rikorrent.*"

Rat id-digriet taghha tat-3 ta' Marzu 2020 fejn laqghet it-talba ta' Carmel Polidano u awtorizzat il-korrezzjoni minnu mitluba fl-okkju tar-Rikors promotur billi ordnat li l-isem "Polidano Brothers Limited" jithassar u jigi sostitwit bl-isem Carmel Polidano.

Rat l-ordni taghha moghtija fit-3 ta' Marzu 2020 sabiex il-prova li saret fil-proceduri Rikors Numru 219/2019 pendenti quddiemha stess, in konnessjoni mat-talba ghas-soprasessjoni tal-Qorti f'dawn il-proceduri, tghodd ukoll ghal dawn il-proceduri.

Rat ghalhekk in-nota tar-rikorrenti tat-2 ta' Marzu 2020 ipprezentata fl-atti tar-Rikors Numru 219/2019 fejn giet annessa kopja mhux legali tal-atti tar-Rikors Numru 24/19 fl-ismijiet **Polidano Brothers Limited vs l-Awtorita` tal-Ippjanar et** li gie intavolat quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Civili;

Rat illi fil-verbal tal-udjenza tat-3 ta' Marzu 2020, l-abbli difensur tar-rikorrenti ddikjara illi ghalkemm ir-rikorrenti m'humiex parti fil-proceduri kostituzzjonali Rikors Numru 24/19, il-mertu ta' dawk il-proceduri jolqot is-sostanza tat-talba

maghmula mill-Awtorita` tal-Ippjanar fl-ittra ufficjali bin-Numru 1962/19 mertu tal-proceduri odjerni;

Semghet is-sottomissjonijiet tad-difensuri tal-partijiet waqt l-udjenza tat-2 ta' Novembru 2020 dwar il-pregudizzjali sollevata mir-rikorrenti fit-tielet paragrafu tar-Rikors promotur;

Rat illi l-abbli difensur tal-Awtorita` intimata, fl-istess seduta tat-2 ta' Novembru 2020 iddikjarat illi l-istess Awtorita` qieghda tirrimetti ruhha ghad-decizjoni tal-Qorti dwar it-talba ghal soprasessjoni minghajr pregudizzju izda, ghall-kontestazzjoni tal-Awtorita` intimata tat-talba f'dawn il-proceduri u fil-proceduri kostituzzjonali msemmija mir-rikorrenti;

Rat illi r-Rikors gie mholli ghal-lum sabiex jinghata provvediment dwar it-talba tar-rikorrenti biex dawn il-proceduri jistennew l-ezitu tal-proceduri tar-Rikors Numru 24/19, fuq imsemmija;

Ikkunsidrat;

Illi fit-tielet paragrafu tar-Rikors promotur, ir-rikorrent jikkontendi illi qabel l-Awtorita` tal-Ippjanar tista' tesegwixxi jew tipprocedi bil-pretensjonijiet taghha kif imressqin permezz tal-ittra ufficjali bin-Numru 1940/2019, ghandu jigi deciz definittivament jekk il-ligi li fuqha qed tibbaza dik il-pretensjoni, hijiex valida jew le. Ir-rikorrent isostni, fl-istess paragrafu tar-Rikors promotur, illi l-Artikolu 100 tal-Kap. 552 li fuqha tinsab imsejsa l-pretensjoni tal-Awtorita` intimata fl-ittra ufficjali Numru 1940/2019 mertu tal-proceduri odjerni, huma lezivi ghad-drittijiet fondamentali taghhom sanciti fl-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u dan billi *inter alia*:-

- il-multi reklamati huma multi ta' natura kriminali li ma gewx inflitti minn Qorti kif trid l-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta;
- jinsabu ghaddejjin ukoll proceduri kriminali rigward l-istess allegat ksur li ta lok ghall-multa pretiza mill-Awtorita` intimata, mertu ta' dawn il-proceduri, u dan bi vjolazzjoni tal-principju ta' *ne bis in idem*.

Ir-rikorrent isostni ulterjorment illi l-multa pretiza fl-ittra ufficjali Numru 1940/2019, mertu tal-proceduri odjerni, kif ukoll multi ohrajn li nhargu mill-Awtorita` intimata kontra l-istess rikorrenti, qeghdin jigu imposti bi vjolazzjoni wkoll tad-drittijiet fondamentali taghhom ghal smigh xieraq kif protett mill-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja ghad-Drittijiet tal-Bniedem u Libertajiet Fondamentali[1], u dan billi, fost ohrajn:-

- il-multi qed jigu imposti mill-Awtorita` intimata fuq mera allegazzjoni mhux affermata minn qorti u dan bi ksur tal-presunzjoni tal-innocenza,
- qed jigu impost pieni ta' natura kriminali fuq hrug ta' avviz ta' enfurzar (Avvizi biex Tieqaf u ta' Twettiq) minghajr ir-rikorrenti nghataw opportunita` li jressqu l-kontestazzjoni taghhom quddiem qorti indipendenti.

Ir-rikorrent jaghmel referenza ghall-proceduri li jinsabu pendenti quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Civili fl-ismijiet **Polidano Brothers Limited vs l-Awtorita` tal-Ippjanar u l-Avukat Generali** [Rikors Numru 24/19] u jsostni illi dawn il-pregudizzjali jinsabu dibattuti proprju bhala l-mertu ta' dawk il-proceduri.

Ikkunsidrat;

[1] "Il-Konvenzjoni".

Il-Qorti ezaminat bir-reqqa ir-Rikors bin-numru 24/19 li tressaq quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Civili fil-gurisdizzjoni kostituzzjonali taghha u tosserva illi dawk il-proceduri gew istitwiti mis-socjeta` Polidano Brothers Limited bl-ilment ewlieni jkun li qeghdin jigu imposti mill-Awtorita` intimata, multiplicita` ta' multi ghall-istess avvizi biex Tieqaf u ta' Twettiq bis-sahha tal-Artikolu 100 tal-Kap. 552. Ir-rikorrenti f'dawk il-proceduri jikkontendu li dawn il-multi qed jigu imposti bi ksur tad-dritt ghal smigh xieraq kif protett mill-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni. Dan l-allegat ksur jikkonsisti, skont ir-rikorrenti f'dawk il-proceduri, fis-segwenti:-

- il-multi qed jigu imposti mill-Awtorita` intimata fuq mera allegazzjoni mhux affermata minn qorti u dan bi ksur tal-presunzjoni tal-innocenza,
- qed jigu imposti iktar minn multa wahda ghall-istess ksur;
- jinsabu ghaddejjin proceduri kriminali quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali kontra Carmelo k/a Charles Polidano li gie mharrek fil-kapacita` tieghu bhala *"direttur ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` Polidano Brothers Limited"* u dan rigward l-istess allegat ksur li ta lok ghall-multi, u dan bi vjolazzjoni tal-principju ta' *ne bis in idem.*
- qed jigu imposti pieni ta' natura kriminali fuq hrug ta' avviz ta' enfurzar (Avvizi biex Tieqaf u ta' Twettiq) minghajr ir-rikorrenti nghataw opportunita` li jressqu l-kontestazzjoni taghhom quddiem qorti indipendenti.

Il-Qorti ma taqbilx mar-rikorrent fejn fir-Rikors promotur huwa jikkontendi li bhala rizultat tal-proceduri kostituzzjonali minnhom imsemmija (Rikors Numru 24/19) ser jigi deciz "*jekk il-ligi fuq liema qieghda tistrieh, huwiex validu jew le.*" Minn ezami tar-Rikors promotur Numru 24/19, jirrizulta illi f'dawk il-proceduri m'huwiex qed jigi kontestat il-validita` *ut sic* tal-legislazzjoni promulgata bl-Avviz Legali 276 tal-2012 specifikatament l-Artikolu 100 tal-

Kap. 552, ghaliex evidentement, il-*litis contestatio* hi jekk dik il-ligi timpingix negattivament fuq id-drittijiet fondamentali tar-rikorrent f'dawk il-proceduri.

Il-Qorti fehmet illi l-mira tar-rikorrenti Polidano Brothers Limited fir-Rikors 24/19 hija in essenza diretta ghall-otteniment ta' dikjarazzjoni illi l-Artikolu 100 tal-Kap. 552 huwa leziv ghad-dritt fondamentali ghal smigh xieraq taghha ghaliex b'mod generali, il-ligi timponi multi li minhabba l-entita` sostanzjali taghhom huma ta' natura kriminali, liema multi qeghdin jigu imposti bi ksur tal-presunzjoni tal-innocenza u bi ksur ukoll tad-dritt ghal access ghal qorti indipendenti.

L-istess socjeta` rikorrenti tikkontendi ulterjorment illi l-fatt li Carmelo Polidano, direttur tas-socjeta` rikorrenti Polidano Brothers Limited, gie mharrek biex iwiegeb ghal akkuzi kriminali msejsa fuq l-istess ksur li ta lok ghall-multi imposti bis-sahha tal-Artikolu 100 tal-Kap. 552, iwassal ghal lezjoni wkoll tal-principju *ne bis in idem*, sancit fl-Artikolu 39(9) tal-Kostituzzjoni.

Ikkunsidrat;

Ir-rikorrent qieghed jitlob il-waqfien tal-proceduri mibdija minnu stess a tenur tal-Artikolu 100(7) tal-Kap. 552. Bis-sahha ta' din id-dispozizzjoni legali, id-debitur tad-dejn dovut lill-Awtorita` tal-Ippjanar b'titolu ezekuttiv ottenut bil-procedura prospettata fl-Artikolu 100(6) tal-Kap. 552, jinghata d-dritt li jopponi ghat-talba ghall-hlas ta' dak id-dejn b'rikors fejn jitlob lill-Qorti tiddikjara l-pretensjoni bhala wahda infondata.

Illi f'sentenza moghtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fid-9 ta' Dicembru 2015[2], intqal hekk in propositu ta' talba ghal soprasessjoni:-

[2] **Doris Catania et vs Evelyn Farrugia et**.

"*... huwa accettat li s-soprasessjoni tista' b'mod eċċezzjonali tingħata meta* ***tali smigh fl-istess waqt ta' żewġ kawżi ma jkunx jista' jsir****, iżda, billi hija eċċezzjoni għar-regola ġenerali li kull kawża għandha tinstama' sakemm tiġi maqtugħa, trid tingħata dejjem taħt* ***kundizzjonijiet li għandhom ikunu serji biżżejjed biex dan isir****. Kemm hu hekk, ingħad saħansitra f'sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali, li l-eċċezzjoni tas-soprasessjoni fis-sens li l-Qorti għandha tieqaf milli tkompli tisma' kawża bħala tali, fis-sistema proċedurali tagħna, mhijiex kontemplata għaliex l-eċċezzjoni li l-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili jikkontempla hija l-eċċezzjoni magħrufa bħala lis alibi pendens u din l-eċċezzjoni tipprospetta neċessarjament li jkun hemm* ***żewġ kawżi għaddejjin fl-istess waqt pendenti quddiem il-qrati li jkollhom l-istess mertu****.*"

Fl-ordinament guridiku taghna, is-soprasessjoni titqies bhala provvediment - ta' natura interlokutorju - li taghti l-Qorti fid-diskrezzjoni taghha jekk tintwera raguni tajba biex tilqa' t-talba ghal soprasessjoni. In tema tar-ragunijiet li jiggustifikaw is-soprasessjoni, il-Prim'Awla tal-Qorti Civili fis-sentenza taghha fl-ismijiet **Peter Arrigo Ltd vs Avv. Dr Christopher Cilia nomine et**[3], qalet hekk:-

"*Ghal bosta snin, il-Qrati taghna sabu li t-twaqqif ta` smigh ta` kawza biex tistenna l-ezitu ta` kawza ohra li diga` tressqet jew sakemm titressaq wahda fuq punt eccezzjonali* ***huwa rakkomandat biss fil-kaz meta jkun hemm lok ghas-soluzzjoni ta` xi punt li minnu ta` bilfors tiddependi l-kawza li sejra titwaqqaf*** *(P.A. 12.4.1962 fil-kawza fl-ismijiet* ***Azzopardi et vs Critien pro et*** *(Kollez. Vol: XLVI.ii.591) u App. Civ. 6.10.1999 fil-kawza fl-ismijiet* ***Grima et vs Frendo et*** *(Kollez. Vol: LXXXIII.ii.393)".*[4]

Ikkunsidrat;

Fil-kaz li ghandha quddiemha l-Qorti, is-socjeta` Polidano Brother Limited qieghda tikkontesta permezz tal-procedura prospettata mill-Artikolu 100(7) tal-Kap. 552, it-talba tal-Awtorita` intimata ghall-hlas tal-multa fis-somma ta' €12,640 maghmula permezz tal-ittra ufficjali bin-numru 1962/2019. Isostnu izda, illi din il-legislazzjoni, introdotta bis-sahha tal-Avviz Legali 276 tal-2012, tilledi d-drittijiet fondamentali taghhom ghad-diversi ragunijiet imsemmijin fir-

[3] Deciza 11 ta' Dicembru 2003. Emfasi ta' din il-Qorti.
[4] Sottolinejar ta' din il-Qorti.

Rikors promotur, ewlenija fosthom il-kontenzjoni li din il-multa hija kriminali fin-natura taghha u illi oltre ghall-multa, jinsabu pendenti proceduri kriminali ghall-istess ksur li ta lok ghall-istess multa. Dawn ir-ragunijiet huma identici ghar-ragunijiet elenkati fir-Rikors Numru 24/19 fl-ismijiet **Polidano Brothers Limited vs L-Awtorita` tal-Ippjanar et**.

Il-Qorti minnufih tosserva illi ma taqbilx illi ezitu favorevoli tal-proceduri Rikors Numru 24/19 fejn tigi dikjarata lezjoni tad-drittijiet fondamentali ta' Polidano Brothers Limited, jista' jincidi fuq id-decizjoni eventwali f'dawn il-proceduri odjerni intavolati minn Carmel Polidano. Kif diga` gie stabbilit, mhuwiex il-validita` tal-legislazzjoni li holqot il-multa kontestata f'dawn il-proceduri, li tinsab fil-mira tal-proceduri Rikors Numru 24/19. Minflok, dawk il-proceduri jikkoncernaw allegat lezjoni tad-drittijiet fondamentali tas-socjeta` Polidano Brothers Limited minhabba li l-istess sitt avvizi ta' twettiq li nhargu fil-konfront tal-istess Polidano Brothers Limited, taw lok ghal serje ta' multi li l-hlas taghhom gie reklamat mill-Awtorita` intimata permezz ta' diversi ittri gudizzjarji lkoll elenkati espressament fl-istess Rikors Numru 24/19.

Minn ezami tar-Rikors Numru 24/19, ma jirrizultax illi l-avviz ta' twettiq li ghalih jirreferi l-ittra gudizzjarja Numru 1962/2019 (mertu tal-proceduri odjerni)[5] jew il-multa reklamata f'din l-istess ittra gudizzjarja[6], jinsabu fil-mira tal-imsemmija proceduri kostituzzjonali. Ma jirrizultax lanqas li jinsabu ghaddejjin fil-konfront tar-rikorrent odjern, xi proceduri kriminali fuq akkuzi naxxenti mill-istess avviz ta' twettiq mertu tal-proceduri odjerni (ECF 22/18), u dan sabiex isostni l-kontenzjoni tar-rikorrenti imsejsa fuq il-principju ta' *ne bis in idem*. Effettivament mir-risposta tal-Awtorita` tal-Ippjanar ghar-Rikors 24/19, jidher illi l-proceduri penali li jinsabu pendenti kontra r-rikorrent odjern, Carmel Polidano, jirreferu ghal zviluppi illegali mwettqin qabel is-sena 2012 filwaqt illi r-rikors odjern jirreferi ghal zvilupp illegali mwettaq fis-sena 2018.

[5] ECF22/18.

[6] Numru 1940/19

Ma nterwiex lill-Qorti li jezistu procedurali kriminali ohrajn pendenti jew decizi fil-konfront tar-rikorrent Carmel Polidano oltre dawk indikati mill-Awtorita` intimata fir-risposta taghha fuq imsemmija.

Jigi osservat ukoll illi r-rikorrent fil-proceduri odjerni quddiem din il-Qorti, m'huwiex parti fil-proceduri kostituzzjonali mibdijin minn Polidano Brothers Limited bir-Rikors Numru 24/19. Dan ifisser illi anke f'kaz li f'dawk il-proceduri kostituzzjonali, kellha tigi riskontrata lezjoni tad-drittijiet fondamentali ta' Polidano Brothers Limited, din id-dikjarazzjoni ma tista' qatt tiswa bhala dikjarazzjoni ta' lezjoni tad-drittijiet ta' persuna ohra wisq inqas persuna ohra mhux parti f'dawk il-proceduri - inkluz ghalhekk ir-rikorrent f'dawn il-proceduri. Dan ghaliex id-dikjarazzjoni ta' lezjoni ta' dritt fondamentali ta' persuna bhala effett tal-applikazzjoni ta' legislazzjoni partikolari ghal dik il-persuna, ghandha effett biss *inter pares.* Kemm hu hekk, anke fil-kawzi fejn il-qrati jew jiddikjaraw bla effett l-applikazzjoni ta` xi dispozizzjoni legali ghall-fattispeci tal-kaz li kellhom quddiemhom, dik id-dikjarazzjoni jaghmel stat biss fil-konfront tal-partijiet f`dawk il-kawzi, u mhux *erga omnes*.

Fis-sentenza taghha tal-11 ta` Novembru 2011 fil-kawza **John Bugeja vs Il-Provincjal Reverendu Alfred Calleja noe et**, il-Qorti Kostituzzjonali ttrattat propju dan il-punt u qalet hekk:-

"15. *Safejn l-attur u l-Avukat Generali qeghdin jilmentaw ghax l-ewwel qorti qalet illi s-sentenzi li qalu li dispozizzjoni tal-ligi tikser dritt fondamentali jaghmlu dik id-dispozizzjoni nulla erga omnes, dan l-aggravju huwa gustifikat. Tassew illi dawk is-sentenzi ghandhom lauctoritas rerum similiter iudicatarum, izda ghalihom ukoll ighodd dak li jghid l-art. 237 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili, illi "s-sentenza ma tista' tkun qatt ta' hsara ghal min, la huwa nnifsu u lanqas bil-mezz tal-awturi jew ta' rapprezentant legittimu tieghu, ma jkunx parti fil-kawza maqtugha b'dik is-sentenza". Meta l-art. 6 tal-Kostituzzjoni jghid illi jekk xi ligi ohra tkun inkonsistenti mal-Kostituzzjoni, il-Kostituzzjoni ghandha tipprevali u l-ligi l-ohra ghandha, safejn tkun inkonsistenti, tkun bla effett, u meta l-art. 3 (2) tal-*

*Kap. 319 jghid illi l-ligi ordinarja ghandha, sa fejn tkun inkonsistenti mal-Konvenzjoni Ewropeja, ukoll tkun bla effett, dan ifisser illi dik il-ligi inkonsistenti ghandha tkun bla effett ghall-ghanijiet tal-kawza li fiha dik l-inkonsistenza tkun dikjarata izda tibqa' fis-sehh ghal ghanijiet ohra sakemm ma tigix imhassra b'ligi ohra jew taht l-art. 242(2) tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili.*"

Kif gia` stabbilit, m'hijiex il-validita` *ut sic* tal-legislazzjoni introdotta bl-Avviz Legali 276 tal-2012 li qeghda tigi kontestata bir-Rikors 24/19, izda l-**ksur tad-dritt ghal smigh xieraq ta' Polidano Brothers Limited bl-imposizzjoni tal-multi mertu tal-ittri ufficjali elenkati fir-Rikors u dan fl-isfond tal-koezistenza ta' ghadd ta' fatturi ohrajn ukoll elenkati fl-istess Rikors**. Dan ifisser illi kwalunkwe dikjarazzjoni li b'ezitu tal-proceduri kostituzzjonali mibdijin bir-Rikors Numru 24/19, tkun favorevoli ghall-pozizzjoni tar-rikorrent fl-istess proceduri, torbot biss lill-partijiet f'dik il-kawza u ma jolqotx awtomatikament il-pozizzjoni ta' terzi persuni fil-mira tal-istess legislazzjoni. Ghalhekk l-istharrig li trid taghmel il-Prim'Awla tal-Qorti Civili tal-lanjanzi tar-rikorrenti f'dawk il-proceduri kostituzzjali, ser issir biss fil-kuntest tal-fattispeci tal-kaz li ghandha quddiemha u mhux ser jiswa ghall-fattispeci ta' ebda kaz iehor, inkluz dak li ghandha quddiemha din il-Qorti llum.

Il-Qorti hija tal-fehma illi bejn iz-zewg proceduri separati, oltre li dawn gew istitwiti minn persuni differenti ghad fil-konfront tal-istess Awtorita` intimata, ma hemm ebda rabta jew dipendenza bejn il-kawzali tat-talbiet rispettivi ghall-hlas. Tqis illi ma jirrizultax sodisfacjentement kif il-mertu tal-kontestazzjoni tar-rikorrenti Polidano Brothers Limited fil-proceduri kostituzzjonali, jista' jincidi fuq il-fondatezza o meno tat-talba ghall-hlas tal-multi reklamati mir-rikorrent f'dawn il-proceduri ghaliex id-dikjarazzjoni li l-legislazzjoni in dizamina tilledi d-dritt fondamentali ta' smigh xieraq ta' Polidano Brothers Limited fic-cirkostanzi tal-kaz taghha, ma tista' qatt tolqot is-siwi tal-imposizzjoni tal-multa li l-hlas taghha qed tigi reklamata mill-Awtorita` intimata - ghad bis-sahha tal-istess legislazzjoni - **galadarba ma jkun qed jigi**

**riskontrat l-ebda lezjoni ta' dritt fondamentali tar-rikorrent fil-proceduri odjerni quddiem din il-Qorti**.

B'zieda ma' dan, jigi osservat illi ma ntweriex kif il-proceduri kriminali li jissemmew fir-Rikors promotur tal-proceduri odjerni, huma l-istess proceduri kriminali li jissemmew fir-Rikors 24/19 li ttiehdu kontra Carmel Polidano jew li tezisti xi rabta bejn dawk il-proceduri kriminali u l-avviz ta' Twettiq u l-multa reklamata mill-Awtorita` intimata mertu tal-proceduri odjerni, u lanqas intwera sodisfacjentement kif l-imposizzjoni ta' din l-istess multa tista' tkun kolpita mill-proceduri kriminali li saret referenza ghalihom fir-Rikors 24/19.

Finalment, kwantu l-allegazzjoni illi gew imposti multiplicita` ta' multi ghall-istess avvizi ta' twettiq, il-Qorti tqis li ghalkemm din il-kwistjoni giet sollevata wkoll proprju f'dawn il-proceduri odjerni fejn fis-sitt paragrafu tar-Rikors promotur, ir-rikorrenti jikkontendu illi gew ipprezentati ittri ufficjali ohrajn mill-Awtorita` intimata fir-rigward tal-istess Avviz ta' Enfurzar, din hija kwistjoni ta' fatt li hija facilment determinabbli u mhux wahda li ghandha bil-fors tigi mistharrga u determinata fil-proceduri kostituzzjonali li r-rikorrenti jaghmlu referenza ghalihom. Konsegwentement, ghar-rizoluzzjoni taghha, mhux mehtieg li din il-Qorti tistenna l-ezitu tal-proceduri kostituzzjonali surriferiti.

Ikkunsidrat;

B'applikazzjoni ghall-fattispecje ta' dan il-kaz, tal-insenjament in materja fuq citat, huwa evidenti illi ma jezistix l-element ta' dipendenza jew talanqas il-potenzjalita` ta' dipendenza bejn iz-zewg proceduri in dizamina billi l-ezitu ta' din il-procedura dwar il-fondatezza o meno tal-pretensjoni ghall-hlas tal-multa ta' €12,640 fil-konfront ta' Monte Kristo Vineyards Limited, Monte Kristo Beverages Limited u Monte Kristo Estates Limited abbazi tal-avviz ta' twettiq

numru ECF 877/08, ma jiddependix mid-determinazzjoni dwar jekk il-jedd ghal smigh xieraq ta' Polidano Brothers Limited giex vjolat jew le.

Il-Qorti tqis illi ghall-kaz odjern huwa relevanti dak li kellha xi tghid il-Qorti fis-sentenza taghha fl-ismijiet **Integrated Capabilities (Malta) Limited et vs Crowd Shout Holdings Limited et**[7]**: -**

"*Fl-isfond ta` dawn id-disposizzjonijiet appena citati, fil-provvediment li tat fit-3 ta` April 2014 fil-kawza "**Sylvana Tanti vs Noel Tanti et**" din il-Qorti qalet hekk :-*

*"Illi l-Qrati taghna ammettew is-soprasessjoni ta` kawza jew ta` procediment meta soprasessjoni tkun spedjenti. (Kollez Vol XXXIX.I.467 ; Appell Civili – "**Cassar vs Xuereb**" – 12 ta` Marzu 1973). **L-ispedjenza ma tistax tkun mera possibilita`** ... Illi fis-sentenza taghha tal-5 ta` Ottubru 1981 fil-kawza "Degaetano vs Galea et noe", il-Qorti tal-Appell qalet hekk : "**Is-soprasessjoni hemm lok ghaliha meta l-ezitu tal-kawza li tigi soprasseduta jkun jiddependi jew almenu jkun jista` jiddependi mill-ezitu ta` kawza ohra, u ghalhekk ma jistax ikun hemm lok ghas-soprasessjoni jekk ma tezistix din id-dipendenza jew almenu l-potenzjalita` ta` din id-dipendenza**"... Illi din il-Qorti tabbraccja l-principju li ssoprasessjoni huwa rimedju straordinarju li ghandu jigi applikat biss fejn ikun necessarju fl-interess tal-ahjar amministrazzjoni tal-gustizzja (Kollez Vol XLI.I.507; u Qorti Kostituzzjonali – "Cuschieri vs Onor Prim` Ministru" – 12 ta` Awissu 1994). Illi provvediment dwar soprasessjoni huwa mholli ghal kollox fid-diskrezzjoni tal-Qorti."*[8] [enfasi ta' din il-Qorti]

Mizmum ferm dak premess, galadarba l-provvediment tas-soprasessjoni jitqies bhala mizura straordinarja ghaliex jissospendi s-smigh ta' kawza meta n-norma hija, kif inghad, li kawża li tinbeda ghandha tinstema' sa ma tinqata', il-Qorti tqis illi f'dan il-kaz iz-zewg kawzi mhumiex interdipendenti kif tehtieg il-gurisprudenza in materja u ma jikkonkorrux l-elementi mehtiega sabiex tigi akkolta talba ghas-soprasessjoni.

---

[7] Deciza 31 ta' Ottubru 2016.
[8] Sottolinejar ta' din il-Qorti.

Ghaldaqstant, il-Qorti hija tal-fehma li ma ghandhiex tuza d-diskrezzjoni taghha biex tordna t-twaqqif ta' din il-proedura u s-soprasessjoni mitluba mir-rikorrent odjern ghaliex kif rajna, ma hemm xejn x'izomm lil dawn il-proceduri odjerni milli jkomplu jinstemghu waqt li jkun ghadu pendenti r-Rikors 24/19 dwar il-ksur tad-dritt ghal smigh xieraq ta' Polidano Brothers Limited.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti qieghda tichad it-talba tar-rikorrent fir-Rikors tieghu tal-14 ta' Ottubru 2019 fejn talbu l-waqfien tal-proceduri odjerni pendenti l-ezitu tal-proceduri quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Civili Rikors Numru 24/19, u tordna li jissokta s-smigh ta' dan ir-Rikors.**

**L-ispejjez ta' dan l-episodju ghandhom ibatuhom ir-rikorrent.**

**DR. RACHEL MONTEBELLO**
**MAGISTRAT.**

**Dr Graziella Attard**
**Deputat Registratur**